A.L. 222 ta' l-2010

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2010 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi

(Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa għal Gamiem u Summien għas-sena 2010)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10(2) ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent u bir-regolamenti 3 u 5 tar-Regolamenti ta' l-2010 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi (Qafas Biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa), il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin -

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa għal Gamiem u Summien għas-sena 2010).

Tifsir.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti tal-2006".

Perjodu tal-kaċċa stabbilit.

3. Għall-finijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti tal-2006 u ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kaċċa fuq il-gamiema u s-summiena għas-sena 2010, aktar 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa", għandu jkun mill-24 ta' April sat-30 ta' April, 2010, iż-żewġ dati inklużi.

Kaċċa skond il-qafas stipulat.

4. Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għandu jkun skond id-dispożizzjonijiet tal-qafas provdut bir-Regolamenti tal-2010 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi (Qafas Biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa)

b'dan iżda li d-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw fejn ma hux speċifikatament provdut fl-ismsemmija Regolamenti tal-2010.

Kwoti.

5. (1) In-numru ta' Liċenzi Għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa li jistgħu jinħarġu taħt dawn ir-regolamenti ma għandux ikun aktar minn 2,500 u għandhom ikunu bi ħlas ta' dritt ta' ħamsa u għoxrin (25) euro għal kull liċenza.

(2) Il-Liċenza Għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa ta' 3,600 għas-summien u ta' 3,900 għall-gamiem bħala n-numru totali ta' għasafar li jistgħu jiġu kaċċati taħt l-awtorità tal-liċenzi kollha maħruġa meħudin flimkien.

(3) Il-Liċenza Għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota ta' għasafar li jistgħu jinqabdu kuljum ta' żewġ (2) għasafar u l-kwota ta' għasafar li jistgħu jinqabdu matul l-istaġun ta' tlett (3) għasafar għal kull Liċenza Għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa.